# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti ta' l-Erbgħa u Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 16 ta' April 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

## *Skużat*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li s-Sur Joseph Grima jkun skużat minħabba raġunijiet personali. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot unanimu.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta u Tletin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

2.2 Is-Sindku rrimarka dwar klarifikazzjoni li l-Kunsill kellhu jagħti lis-Sur Dominic Spencer fejn informa lill-Kunsill li l-għotjien ta' l-arbli fix-Xatt tal-Menqa saru tal- plastik u jaħseb li huma għas-sodisfazzjon tal-Kunsill. Is-Sur Dominic Spencer ikkonferma.

2.3 Is-Sur Josef Azzopardi rrimarka fuq it-twinning programm li s-Sur Dominic Spencer kien għamel aċċenn għalih fis-seduta preċedenti. Il-Viċi Sindku nforma lill-membri preżenti li għamel kuntatt ma Alison Camilleri tal-Meusac fejn ġie nfurmat li l-budget il-ġdid ġie

approvat u għaldaqstant għandha toħroġ applikazzjoni għal fondi għal programm ta' ġemellaġġ għax-xahar ta' Ġunju.

2.4 Is-Sindku saqsa lis-Sur Dominic Spencer jekk għamilx xi riċerka dwar ma liema raħal fl-Italja l-Kunsill jista' jagħmel xi ġemellaġġ. Is-Sur Dominic Spencer qal li l-problema hija sabiex jinstab l-aktar raħal viċin sabiex il-Kunsill ma jkunx involut f'ħafna spejjeż relatati ma vjaġġar. Huwa żied jgħid li bħalissa fi Sqallija m'hemmx postijiet li wrew ix-xewqa li jagħmlu ġemellaġġ pero' l-Kunsill jista' jitlob formalment b'mod dirett lil xi raħal fi Sqallija jekk hemm xi nteress li jiffurmaw ġemellaġġ mal-Lokalita' tal-Marsa. Fl-istess waqt wara diskussjoni fit-tul is-Sindku s-Sur Francis Debono suġġerixxa fuq proposta tas-Sur Dominic Spencer li l-Kunsill jistenna u jiddeċiedi f' laqgħat oħra sabiex il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ikollu aktar ċans biex jidħol aktar fid-dettall fuq dan is-suġġett. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. *Korrispondenza mit-13 ta' Marzu sat-16 ta' April 2014.*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill li joffri servizz ta' żewġ mobile toilets ħdejn iċ-Ċimiterju tat-Torok f'Ingiered Road għal waqt Night Walk organizzata minn Puttinu Cares. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.2 Is-Sindku Francis Debono ippropona wkoll li l-Kunsill joffri servizz ta' transport għal logħobiet tal-Under 17 UEFA Championship li għalih il-Kunsill għandu japplika għal massimu ta' ħamsin biljett biex jiġu offruti b'xejn lir-residenti u tfal. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li billi ħadd ma kellhu mistoqsijiet jew kummenti fuq il-korrispondenza mressqa, din għandha tiġi kkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. *Schedule of Payments 04/2014*

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Anthony Buhaġiar ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 5. *Purchase Order 3721- 3758*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3721 sa 3758 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq l-ordnijiet tax-xogħol, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 6. ***Purchase Request 2714 - 2751***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2714 sa 2751 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Talba għal restawr u trasferiment tal-ħawt ta' ħdejn l-Open Centre.***

7.1 Wara diversi tentattivi mill-Kunsill u mill-Għaqda Storika Kulturali Marsa sabiex Heritage Malta, Fondazzjoni Wirt Artna jagħtu l-assistenza tagħhom sabiex dan il-ħawt antik li jinsab f'Xatt il-Mollijiet jiġi restawrat u jiġi protett mill-vandaliżmu kontinwu li qed issofri sfaw għalxejn u mingħajr l'ebda risposta, is-Sindku ppropona li dan il-ħawt jitneħħa minn fejn qiegħed bħalissa u jitpoġġa wara li jiġi restawrat fi Triq is-Salib jew fil-Pjazza ta' Marsa Road jew ħdejn il-Bust ta' Patri Felician Bilocca fl-entratura tal-Ġnien 6 t'Awissu. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jitlob lill-Perit tiegħu sabiex jagħmel l-applikazzjonijiet neċessarji.

7.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ma qabilx li jitneħħa l-ħawt msemmi minn fejn jinstab bħalissa u ssuġġerixxa li jingħalaq biex jiġi protett u dan sabiex jinżamm fil-post oriġinali minħabba l-istorja tiegħu.

7.3 Is-Sur Noel Scerri qal li dan irid jiġi protett u mgawdi min-nies tal-Marsa kif sar fuq il-Monument tar-Repubblika.

7.4 Is-Sur Dominic Spencer qal li minn informazzjoni li għandu l-Għaqda Storika Kulturali Marsa bagħtet ittri formali għal għajnuna kif għamel il-Kunsill iżda dan irriżulta għal xejn. Skond l-Għaqda Storika kien jinstab ħawt ieħor ħdejn il-BOV u allura jaqbel li l-ħawt jinsab f' Xatt il-Mollijiet jiġi mpoġġi f'din l-akkwata jew ħdejn il-Monument ta' Sacco.

7.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jipproponi li l-Kunsill ma jiddeċidix f'din is-seduta iżda ssir b'konsultazzjoni ma l-Għaqda Storika Kulturali Marsa.

7.6 Is-Sur Noel Scerri ppropona li dan jiġi mexxi mill-Kunsill bil-permess tal-Mepa u l-Awtoritajiet kollha kompetenti bil-Perit tal-Kunsill u jsiru konsultazzjonijiet ma l-Għaqda Storika Kulturali fuq ir-restawr ta' dan il-ħawt u jitmexxa minn xatt il-Mollijiet għal fuq il-bankina ta' Triq Balbi ħdejn it-Telephone Box iżda l-Kunsill jista' jibqa' miftugħ għal kull suġġeriment li tkun aħjar minn din id-deċiżjoni. Barra minhekk is-Sur Noel Scerri żied li għandha ssir skrizzjoni fejn tgħin l-għan ta' dan il-ħawt u fejn kien jinsab biex jingħata dettal storiku. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien ħamsa favur u wieħed astjena. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi iddikjara li allavolja astjena minn din id-deċiżjoni hu jaqbel li l-Kunsill jirrestawra dan il-ħawt iżda minn aspett skoriku ma jaqbilx li l-Kunsill imexxi dan il-fdal storiku mill-post oriġinali tiegħu.

## *8. Talba għal Devoluzzjoni tal-Bini tal-Klabb tal-Boċċi.*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali id-devoluzzjoni tal-bini tal-Klabb tal-Boċċi li jinsab taħt il-Binja l-ġdida ta' l-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill u dan wara li tali binja ġiet mgħoddi lura lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsill jibqa' kommess li jekk kemm il-darba din il-binja tingħata lill-Kunsill u jiġi ffurmat Kumitat tal-Boċċi ġdid dan il-Kumitat jingħata l-ispazju amministrattiv neċessarju sabiex ikun jista' jaħdem.

8.2 Is-Sur Noel Scerri qal li jaqbel li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni ta' din l-art sabiex is-servizz lokali bħal tas-saħħa u tas-sigurta' soċjali jibqaw jingħataw dan is-servizz fil-Lokalita' tal-Marsa u mhux ikollhom jużaw dan is-servizz mill-Ħamrun jekk kemm il-darba dan id-Dipartiment ma jibqax joffri s-servizz tiegħu mill-binja preżenti.

8.3 Wara dskussjoni li saret is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni li l-Kunsill japprova li jitlob id-devoluzzjoni ta' l-art tal-Klabb tal-Boċċi kemm il-Binja kif ukoll il-pitch tal-Boċċi u dan ta' l-aħħar jiġi utilizzat u kkreat għal skopijiet li huma relatati mall-Ġnien preżenti. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

8.4 Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li xi membri mill-Klabb Marsa FC saqsew jekk jistaw jużaw il-Klabb tal-Boċċi bħala dressing room.

8.5 Is-Sur Noel Scerri qal li din il-binja għandha tkun amministrata mill-Kunsill u għaldaqstant it-talba mressqa mhiex waħda li tista' tiġi kkunsidrata favorevolment filwaqt li s-Sur Dominic Spencer qal li bħala Dressing Room il-Kunsill jista joffri l-ispazju li għandu taħt it-taraġ ħdejn il- 5- a-side pitch li l-Kunsill kien wettaq u qed jintuża kemm mill-Marsa FC u residenti kollha bla ħlas.

## *9. Korsijiet tal-Kompjuter għat-tfal fis-Sajf.*

9.1 Il-Kumpanija TCTC qed titlob lill-Kunsill li tuża s-sala sabiex isiru l-korsijiet għas-Segretarju Eżekuttiv organizzati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u dan ser isiru bejn Settembru u Ottubru darba fil-ġimgħa wara nofsinhar waqt il-ħin tax-xogħol. Is-Sinkdu qal li għal dawn is-servizzi il-Kumpanija TCTC qed toffri korsijiet għat-tfal b'xejn. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett il-Kunsill talab sabiex il-Kumpanija toffri aktar korsijiet lill-lokalita' għal dan is-servizz li l-Kunsill ser joffri. Fil-fatt ġie ssuġġerit li l-Kumpanija għandha toffri madwar erba' korsijiet b'xejn li jistgħu jiġu mgħotija fuq perjodu ta' sentejn. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill jaċċetta li jagħti dan is-servizz jekk kemm il-darba il-Kumpanija TCTC toffri li tagħti aktar korsijiet lir-residenti u tfal Marsin b'xejn. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu

9.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta li joffri s-servizz tal-Kompjuter IKIDS għat-tfal ta' ħames snin u t-tnax il-sena matul dan is-sajf offrut mill-Kumpanija TCTC b'xejn. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Żoni Turistiċi*

10.1 Is-Sur Dominic Spencer beda dan is-suġġett billi qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għandu żewġ żoni li huma l-akwata tal-Menqa u l-akwata tal-Korsa taz-zwiemel li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala żoni turistiċi. Il-Kunsillier Spencer talab li dawn iż-żoni jiġu kklassifikati mill-Awtoritajiet kompetenti bħala żoni turistiċi minħabba il-benefiċċji li dawn iż-żoni jistgħu igawdu mill-Gvern Ċentrali bħal infrastruttura, tindif , tisbieħ u finanzjament jekk kemm il-darba jiġu ikklassifikati bħala żoni turistiċi.

10.2 Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti fejn kollha kienu qed jaqblu mall-kunċett li dawn jiġu klassifikati bħala żoni turistiċi, s-Sindku ppropona li għanda tintalab klarifika dwar il-proċedura li għandha tintuża biex dawn jiġu kklassifikati bħala żoni turistiċi mill-Awtoritajiet Governattivi. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11 . Mistoqsijiet*

11.1 Is-Sur Francis Debono beda dan is-sugget billi ghamel referenza ghal mistoqsijiet li s-Sur Dominic Spencer bagħat formalment lill-Kunsill u li ġew iċċirkolati mall-Kunsilliera kollha sabiex ikunu nfurmati qabel il-laqgħa filwaqt li għamel referenza wkoll għar-risposti li huwa ta u li wkoll ġew mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Minkejja dan kollu s-Sur Dominic Spencer talab li jinqaraw il-mistoqsijiet tiegħu għal benefiċċju ta' dawk li jkunu qed jisimgħu it-trasmissjoni diretta u s-Sindku laqgħa favorevolment din it-talba. Il-mistoqsijiet kif ippreżentati kienu :

1) Jekk hemmx xi żviluppi ġodda dwar tranġar tad- dawra fi Triq il- Marsa n-naħa t'isfel.

2) Jekk hemmx xi żviluppi dwar l -isketch tat -traffiku li ppresentajt fl-aħħar laqgħa.

3) Jekk tistax issir mera fi Triq Kungress Ewkaristiku mas-Sub- station tal -Enemalta minħabba l-garages li hemm fit- triq hemm kisra kerha.

4) Biex isiru ktajjen u katnazzi ġodda mal -bollards tal -pont dan wara li ntremew minn fuq il -pont u kont jien stess li mort niġborha kif ukoll isiru ktajjen ġodda mal-bieb tal-ġenb tal- latrina.

5) Biex inħarsu lejn sitwazzjoni ġdida li l-Marsa ser tibda tifaċċja fiż-żmien li ġej (home less people)

6) Biex isiru cameras fuq il -pont u jiġu imqabbda mas- sistema ta l-streaming u jitħallew mixgħewla 24/7 dan ikun aktar ta' deterent biex jitnaqqas il- vandalismu.

It-Tweġibiet tas-Sindku kienu:

1) B'referenza għal jekk hemmx zvilupp dwar it-tranġar tad-dawra fi Triq il-Marsa sallum il-Kunsill għadu qed jistenna il-pjanti neċessarji mill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu sottomessi lill-Kunsill u lill-Transport Malta jekk kemm il-darba qed nirreferu fuq il-parti tat-triq minn Galea Confectionery l'isfel.

2) B'referenza għall-pjanta mpoġġija fl-aħħar seduta min naħa tiegħek din ser tingħata lill-

Kunsilliera waqt is-seduta biex sa seduta oħra min jogħġbu jiġi b'xi proposti ikun jista' jagħmel dan minn qabel. Apparti hekk fl-opinjoni tiegħi tkun tagħmel sens aktar li din il-problema ikun amalgamata mall-problema ta' Triq il-Marsa u ta' l-akkwata u l-proposti maqbulha jiġu ppreżentati lill-Transport Malta u l-entitajiet milqutha (l-iskejjel).

3) Kemm il-darba kellna talba għal mera f'din l-akkwata, l-identifikazzjoni hija ħdejn issubstation. Irridu naraw minħabba l-inġenji kbar li jkunu pparkjati fejn tista' titpoġġa aħjar biex tkun ta' użu għal min għamel din it-talba. Apparti hekk ninfurmak li fil-ġranet li għaddew resident minn din it-triq għamel rapport lill-pulizija fuq inġenji li qed jipparkjaw f'din it-triq iżda sallum il-Pulizija ma tat l'ebda tweġiba.

4) Fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed jieħu l-miżuri kollha biex dawn isiru.

5) Jiena konxju minn din is-sitwazzjoni ġdida li qed ikun hawn fil-Lokal tagħna u naħseb li jekk naraw li qed tkompli tikber irridu niddiskutu din il-materja ma NGO's u entitajiet oħra li jistgħu jagħtu għajnuna lil persuni li huma homeless. Bħal ma taf il-Kunsill sallum m'għandu l'ebda poter u lanqas mezzi biex jagħti din l-għajnuna.

6) Huwa fil-ħsieb tal-Kunsill li dawn isiru aktar il'quddiem meta jkun hemm il-finanzjament meħtieġ. Bħal ma taf dan huwa proġett kumpless u l-Kunsill irid jibqa jħarsu b'kull mod bil-mezzi finanzjarji li għandu allokati.

11.2 Is-Sur Noel Scerri skuża ruħu ta' l-assenza tiegħu waqt il-laqgħat tal-Kunsill kif ukoll waqt laqgħa li l-Kunsill kellu ma rappreżentanti tat-Transport Malta fuq Ġnien Spencer u saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ppropona li Transport Malta għandha terġa tirranġa dan il-ġnien u ġġibu aħjar milli kien billi tagħmel pavimentar bil-konkos u fejn hemm bzonn tiżdied il-ħamrija. Barra minhekk is-Sindku dak il-ħin ippropona li jsir mill-ġdid il-pitch tal-boċċi. Is-Sur Noel Scerri qal li ma jaqbilx mall-pitch tal-Boċċi iżda għandu jiġi kkrejat b'tali mod li jkun jista' jiġi utilizzat bħala suq fl-apert jew jiġu organizzati fieri u għandu jintalab li jsir xi forma ta' railing jew ċint sabiex jingħalaq dan il-ġnien. Is-Sindku qal li huwa jaqbel mall-kunċett iżda ppropona li dan jiġi organizzat fix-Xatt tal-Menqa u jkun differenti biex jattira aktar nies billi wkoll f'dan is-suq jiġu esebiti arti, pjanti, fjuri.

11.3 Is-Sur Noel Scerri saqsa jekk sarx l-appell mill-Gvern fuq il-kawża li l-Kunsill rebaħ kontra l-istess Gvern dwar it-tindif ta' l-akwata tal-korsa taż-żwiemel matul dawn l-aħħar tmien snin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill minn informazzjoni li għandu jidher li l-Gvern ma ressaq l'ebda appell u dan jindika li l-Kunsill ser idaħħal is-somma deċiża mill-Qorti.

11.4 Is-Sur Noel Scerri saqsa x'inhi l-possibilta' li ssir bollard fuq il-bankina ta' Triq Feliċian Bilocca minħabba li sid ta' ħanut qed itella' l- karozzi fuq din il-bankina.

11.5 Is-Sur Noel Scerri talab li tintbagħat ittra fejn il-Kunsill jifraħ lill-Klabb tar-Regatta tas-suċċess li għamlu kif ukoll lill-Marsa Football Club li baqaw fit-3rd division.

11.6 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li l-arbli ta' fuq il-pont isirhux propjeta' tal-Kunsill biex jibqu tal-post. Is-Sindku qal li l-ispiza ta' dawn hija ta' ħames mija u tmienja u tmenin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu. (€588.35) f'materjal u dawn għandhom jinħadmu mill-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa.

11.7 Is-Sur Noel Scerri talab permess lis-Sindku biex jgħaddi kumment fuq l-inawgurazzjoni tal-Bini. Dan il-permess ġie mgħoti minnufih. Is-Sur Noel Scerri rringrazzja lis-Sindku u lill-Istaff kollhu tal-Kunsill għall-organizazzjoni waqt il-ftugħ ta' l-Uffiċini l-Ġodda tal-Kunsill. Miegħu ingħaqdu l-Kunsilliera ppreżenti. Is-Sur Dominic Spencer qal li fl-ittra li bagħat fejn elenka l-mistoqsijiet li ppreżenta lis-Sindku huwa wkoll niżżel nota ta' ringrazzjament lil min ta sehemu biex twettqet din il-ħolma ta' kull Marsi li jkollu binja ġdida minn fejn jista' jingħata servizz aħjar u huwa qal ukoll li grazzi specjali għandha tmur lis-Sindku s-Sur Francis Debono li kien il-moħħ wara dan il-proġett.

## *12. Aġġornament tal-Laqgħa*

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Mejju 2014 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv